*Huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li aktar ma tkun ristretta l-viżwali fit-triq, akbar mhuwa l-obbligu tas-sewwieq li jassigura li jsuq mingħajr perikolu għat-traffiku li jista' jsib hekk kif joħroġ mil-liwja. Fost il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu hemm l-obbligu li wieħed idoqq il-ħorn, li jirrallenta fis-sewqan u li javviċina t-triq bil-mod il-mod sabiex jevita li jinħasad b'vettura li tkun ġejja minn faċċata. Imma l-mod kif l-appellat ħareġ fit-triq billi qata' għad-dritt minflok dar lejn ix-xellug kif kien obbligat li jagħmel, jibqa' l-fattur ewlieni li kkawża l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Din il-Qorti tqis għalhekk is-sewwieqa inkwistjoni t-tnejn li huma għandhom iwieġbu għall-inċident, għalkemm fi gradi ta' responsabbilità differenti.*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2021

Appell Inferjuri Numru 95/2019 LM

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**
**u dan kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Paul Castagna**
*("l-appellanta")*

***vs.***

**Joseph Caruana (K.I. 178767M)**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Paul Castagna**, [minn issa 'l quddiem "l-appellanta"], minn deċiżjoni tat-

Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), tat-12 ta' Diċembru, 2019 (minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali appellat"), li permezz tiegħu t-Tribunal iddeċieda billi laqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti *in parte*, b'dan illi ddikjara illi l-inċident *de quo* seħħ in parte b'negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat, u għalhekk l-intimat ġie kkundannat iħallas sittin fil-mija (60%) tad-danni mitluba, kif ukoll sittin fil-mija (60%) tal-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali, dekorribbli mid-data tat-2 ta' Marzu, 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Fatti</u>**

2. Is-soċjetà rikorrenti istitwiet proċeduri arbitrali, li permezz tagħhom talbet lit-Tribunal jillikwida d-danni riżultanti minn inċident awtomobilistiku li seħħ fil-15 ta' Settembru, 2016 fi Triq il-Kummerċ, Birżebbugia, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBX 557 proprjetà tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBC 719 misjuqa mill-intimat **Joseph Caruna (K.I. 178767M)**, hawnhekk "l-appellat"). Is-soċjetà rikorrenti spjegat li l-ammont pretiż minnha huwa ta' sitt elef, u ħamsa u disgħin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€6,095.45), rappreżentanti d-danni mħallsa minnha lill-assigurat tagħha Paul Castagna, li huwa sofra b'konsegwenza tal-inċident awtomobilistiku inkwistjoni.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li l-inċident inkwistjoni seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li kienet hi li għamlet tajjeb għad-danni kollha sofferti mill-assigurat tagħha Paul Castagna, abbażi ta' polza tal-assigurazzjoni tat-tip *comprehensive.*

4. L-intimat Joseph Caruana wieġeb li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri kien ikkawżat minn traskuraġni u nuqqas ta' ħsieb ta' Paul Castagna. Qal ukoll li d-danni pretiżi mir-rikorrenti huma esaġerati u jeħtieġ li jiġu ppruvati. L-intimat eċċepixxa wkoll li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu unikament mir-rikorrenti, f'każ illi l-eżitu ta' dawn il-proċeduri jkun illi r-responsabbilità għall-inċident għandha tiġi spartita ugwalment bejn Paul Castagna u l-intimat, jew f'każ li r-responsabbilità tiġi attribwita fi grad ogħla minn nofs lis-sewwieq tal-vettura assigurata mas-soċjetà rikorrenti.

5. Is-soċjetà rikorrenti ppreżenta kopja tar-rapport tal-Pulizija li sar in segwitu għall-inċident, kopja tas-*survey report* u l-irċevuti relattivi għad-danni sofferti b'konsegwenza tal-inċident. Minn qari tar-rapport tal-Pulizija jirriżulta li skont il-verżjoni mogħtija mill-assigurat tas-soċjetà rikorrenti Paul Castagna, huwa kien ħiereġ minn Triq San Filippu sejjer lejn Ħal Far, meta ħareġ il-vann misjuq mill-intimat Joseph Caruana minn fuq il-*giveway* ta' Triq il-Kummerċ u laqtu quddiem. Paul Castagna qal li eżatt wara l-inċident l-intimat Joseph Caruana ammetta t-tort u skuża ruħu, iżda wara beda jinnega kollox.

6. Quddiem it-Tribunal xehed **Malcolm Aquilina**, rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti, li qal li l-*claim* minn sid il-vettura EBX 557, assigurata mas-

soċjetà rikorrenti saret fid-19 ta' Settembru, 2016. Ix-xhud qal li sar *survey* tal-vettura, ġew awtorizzati t-tiswijiet skont is-*survey* u wara saru t-tiswijiet. Ix-xhud qal li l-kontestazzjoni mhijiex dwar l-entità tal-ħsara, imma dwar il-kwistjoni tar-responsabbilità.

7. L-intimat **Joseph Caruana** fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal, qal illi dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien qiegħed isuq vann tal-marka Isuzu HBC 719, u żied jgħid li għalkemm ma jafx l-isem tat-triq fejn seħħ l-inċident, huwa jgħaddi minnha kuljum. Kompla jgħid li fit-triq hemm *giveway sign,* u huwa waqaf zoptu miegħu għaliex il-ħsieb tiegħu kien li jikser lejn il-lemin fuq Triq San Filippu. Qal ukoll li huwa kien għaddej b'veloċità minima għall-aħħar, b'madwar għaxar kilometri fis-siegħa peress, u xħin seħħ l-impatt, huwa kien għadu kif qala' minn fuq il-*giveway sign.* Qal li huwa żamm mas-*central strip* fuq ix-xellug, meta f'daqqa waħda ħareġ is-sewwieq tal-vettura targata EBX 557 minn *blind corner* fi Triq San Filippu. Qal li d-daqqa ma kinitx kbira ħafna u huwa m'aċċettax it-tort wara l-inċident. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, l-intimat qal li l-ewwel darba li huwa ra l-vettura l-oħra, huwa kien diġà qala' minn fuq il-*giveway sign,* u qabel seħħ l-inċident huwa ma kienx ra l-vettura l-oħra. Qal li huwa lanqas ċans jagħfas il-brejk ma kellu. Qal li eżatt qabel l-impatt huwa kien qiegħed isuq, u ma kienx wieqaf, iżda s-sewwieq l-ieħor kien ġej b'veloċità qawwija.

8. **Paul Castagna** xehed li dakinhar tal-inċident huwa kien qiegħed isuq il-vettura targata EBX 557. Qal li kien għaddej minn triq f'Birżebbugia, u sab lill-intimat ma' wiċċu eżatt kif dar il-kantuniera. Qal li lanqas hu ma kien ra lill-intimat qabel seħħ l-impatt. Ix-xhud qal li d-daqqa kienet waħda kbira għaliex

anki x-*chassis* intlaqat. Qal li huwa assuma li ladarba l-intimat ħabat miegħu, dan seħħ għaliex l-intimat ma kienx waqaf fuq il-*giveway sign.* Qal li huwa xegħel l-*indicator* lejn ix-xellug, u xħin dar mal-kantuniera sab il-vann tal-intimat, u hu ma waqafx. Qal ukoll li hu ma setax jiċċekkja jekk kinux ġejjin vetturi min-naħa tax-xellug għaliex hemm *blind corner,* imma huwa ħa l-prekawzjoni li jimxi b'veloċità baxxa sabiex jivverifika jekk kinux ġejjin vetturi mid-direzzjoni opposta.

9. Quddiem it-Tribunal ġew ippreżentati ittri li ntbagħtu lill-intimat mir-rikorrenti sabiex dan jersaq għall-ħlas, flimkien ma' kopja ta' ittra uffiċjali li ntbagħtet lill-intimat.

**<u>Il-lodo arbitrali appellat</u>**

10. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fit-12 ta' Diċembru, 2019, it-Tribunal iddeċieda li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għandhom jiġu milqugħ *in parte*, b'dan illi ddikjara li l-inċident li seħħ fil-15 ta' Settembru, 2016 fi Triq il-Kummerċ, Birżebbugia, bejn il-vettura targata EBX 557 li hija proprjetà tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti u l-vettura targata HBC 719 misjuqa mill-intimat (minn issa 'l quddiem "l-inċident"), seħħ *in parte* b'negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat, u għalhekk l-intimat għandu jħallas l-ammont ta' tlett elef, sitt mija u sebgħa u ħamsin Euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€3,657.27), rappreżentanti sittin fil-mija (60%) tal-ammont ta' danni mitlub, kif ukoll sittin fil-mija (60%) tal-ispejjeż legali u l-imgħaxijiet legali dekorribbli mit-2 ta' Marzu, 2017, sal-

pagament effettiv kif mitlub, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet***

*Tenut kont tal-provi kollha, ser isiru s-segwenti kunsiderazzjonijiet:*

*Din il-vertenza tirrigwarda inċident awtomobilistiku li seħħ fil-15 ta' Settembru, 2016 fi Triq il-Kummerċ f'Birżebbuġia bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBX 557 proprjetà tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti Paul Castagna u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBC 719 misjuqa mill-intimat.*

*Skont il-verżjoni tas-sewwieq tal-vettura EBX 557, Paul Castagna, l-inċident seħħ meta huwa kien ġej minn Triq San Filippu f'Birżebbuġia, u daħal fi Triq il-Kummerċ u sab il-vann misjuq mill-intimat ma' wiċċu. Jixhed illi huwa kien qiegħed isuq bil-mod għall-kuntrarju ta' dak sostnut mill-intimat u jgħid ukoll illi huwa ma setax jara t-traffiku li kien ġej minn Triq il-Kummerċ peress illi l-kantuniera bejn Triq San Filippu u Triq il-Kummerċ hija dik li jsejjaħ hu* blind corner. *Huwa jiddikjara li l-vann tal-intimat rah biss mal-impatt u mhux qabel. Il-ħsara mġarrba fil-vettura tiegħu kienet fuq quddiem. Jiddikjara wkoll li huwa kien qiegħed isegwi s-sinjaletika li hemm fit-triq għall-kuntrarju tal-intimat li baqa' għaddej dritt meta huwa kellu jdur fuq ix-xellug tiegħu skont kif tindika l-*giveway *u mhux jaqta' dritt.*

*Da parti tiegħu, l-intimat jiddikjara li huwa kien qiegħed isuq fi Triq il-Kummerċ bl-intenzjoni li jikser fi Triq San Filippu. Jgħid li metri qabel il-punt fejn seħħ l-impatt hemm* giveway sign *u jiddikjara li mhux talli rrallenta iżda talli waqaf fuq dan is-sinjal qabel ma pprosegwa f'din l-istess triq. Jgħid illi huwa kien saq bi ftit metri minn fuq il-*giveway sign *meta daret fid-direzzjoni tiegħu l-vettura ta' Castagna b'veloċità għolja u hekk seħħ l-impatt. Anke huwa jiddikjara li din il-kantuniera hija* blind corner. *Jiċħad illi huwa ma waqafx fuq il-*giveway sign *u li kien għaddej b'veloċità għolja.*

*Minn dawn ix-xhieda kunfliġġenti, jidher ċar illi filwaqt illi Castagna qiegħed jinsisti li Caruana baqa' ħiereġ minn fuq il-*giveway sign *u sabu ma' wiċċu meta Caruana kellu jdur fuq ix-xellug tiegħu u mhux jaqta' dritt minn quddiemu, Caruana qiegħed jinsisti li Castagna ġie b'veloċità qawwija u li kien għalhekk li seħħ l-impatt. Li huwa ċar huwa li filwaqt li Caruana kellu* giveway sign *li tobbligah li jekk mhux jieqaf tal-inqas jirrallenta u jċedi għat-traffiku li jkun għaddej, fil-każ ta' Castagna ma kellu l-ebda sinjaletika li timponilu li jagħmel dan. Minn dak li juru r-ritratti jidher ċar ukoll illi l-*

giveway sign *fil-karreġġata ta' Caruana kienet effettivament angolata lejn ix-xellug u allura, kif ġie argumentat minn Castagna, Caruana kellu l-ewwel idur lejn ix-xellug tiegħu u mhux jaqta' dritt minn Triq il-Kummerċ. Fil-fatt, jirriżulta li wara l-inċident, żdiedet is-sinjaletika f'dan is-sens. Huwa fatt li Caruana qata' dritt fi Triq il-Kummerċ minflok dar fuq ix-xellug tiegħu. Huwa risaput illi ksur tar-regolamenti tat-traffiku għalkemm iġibu magħhom responsabbilità kriminali ma jġibux magħhom neċessarjament responsabbilità ċivili (**Carmelo Scerri vs Esther Darmanin,** (App. Inf. (PS) – 20/10/2003). Fil-każ in eżami, però, jidher ċar, li kienet din il-manuvra li fil-fatt ħasdet lil Castagna meta dan ma stenniex li jsib ma' wiċċu l-vann tal-intimat min-naħa xellugija tiegħu meta dan ma kienx permess. Huwa ċar li l-manuvra tiegħu li jaqta' dritt u li ma jdurx lejn ix-xellug kif kien jindika s-sinjal tal-*giveway *stess kienet manuvra li biha huwa saq kontra l-*flow *tat-traffiku f'dik il-parti tat-triq, manuvra li ċertament hija waħda traskurata u negliġenti għall-aħħar. Bħala tali, għandha ġġib magħha responsabbilità għall-akkadut.*

*In kwantu għas-sewqan ta' Castagna, fil-vija tiegħu u kif ingħad aktar 'il fuq, ma kellu la obbligu li jistenna permezz ta'* giveway sign *u wisq inqas li jieqaf. Madanakollu, dan ma jeżimihx mill-obbligu taż-żamma tal-*proper lookout *li wara kollox hija imposta fuq kull sewwieq partikolarment meta huwa stess jiddeskrivi din il-kantuniera bħala* blind corner. *Skont l-intimat, Castagna ġie b'veloċità għolja u kien għalhekk li seħħ l-impatt. Fi kliemu stess jgħid li "*... ġie bis-saħħa minn Triq San Filippu." *F'dan is-sens irid jingħad li kif tgħallimna l-ġurisprudenza, biex veloċità titqies eċċessiva ma hemmx għalfejn illi din tkun teċċedi l-limitu tal-veloċità. Fil-każ in eżami fil-fatt jidher li Castagna ma kienx għaddej bil-veloċità minima li jiddikjara hu u dan peress li mir-ritratti prodotti jidher ċar illi huwa kien ħareġ sew minn tarf il-kantuniera sa ma seħħ l-impatt u allura ma kienx għaddej b'veloċità li kienet tippermettilu jilqa' u jieqaf għal dak li kien ser isib fit-triq li kien daħal fiha. F'każ ta'* blind corner, *il-ġurisprudenza tadopera l-kunċett ta'* inching out *sabiex wieħed jilqa' għal kull eventwalità. Però fil-każ in eżami, il-kantuniera kienet saħansitra* splay *u allura kienet tippermettilu viżwal ampju, biżżejjed biex jevalwa s-sitwazzjoni fi Triq il-Kummerċ. F'dan is-sens hija ta' rilevanza, is-sentenza fl-ismijiet* ***Middlesea Insurance plc vs Stuart Psaila*** *(P.A. (NC) – 8/10/2004) li irriteniet li:*

> "Meta sewwieq ikun qed jiffaċċja liwja fit-triq is-sewwieq għandu l-obbligu li jżomm sewwa fuq in-naħa tiegħu tat-triq u jekk hemm bżonn isuq fuq gear baxx, u anke jdoqq il-ħorn skont il-ħtieġa. Barra minn hekk is-sewwieq apparti li jnaqqas il-veloċità jrid isuq b'tali manjiera li jkollu l-vettura l-ħin kollu taħt il-kontroll tiegħu sabiex ikun jista' jevita l-perikoli li wieħed jista' jiltaqa' magħhom meta jaqbad liwja. Aktar ma tkun kbira l-kisra u aktar ma tkun

ristretta l-viżwali tas-sewwieq, akbar ikun l-obbligu tiegħu li jassigura li jista' jsuq mingħajr perikolu għat-traffiku li jkun ġej mill-faċċata.

Min ikun qed isuq, għalkemm ma jagħmilx dawn il-kalkoli matematiċi li huma meħtieġa biex fil-Qorti jiġi apprezzat u ġudikat il-każ, għandu però jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kolliżjonijiet huma kwestjonijiet ta' sekondi; u għalhekk is-sewwieq għandu jirregola l-għemil tiegħu fis-sewqan konformament."

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Middlesea Insurance plc noe vs Joseph Galea et** (App. Inf. (PS) – 20/01/2003), il-Qorti rriteniet illi:*

"Hu dmir fuq kull sewwieq illi meta qed javviċina liwja jew kantuniera għandu jirrallenta s-sewqan tiegħu u b'hekk jaħseb għal kull imprevvist li jista' jiltaqa' miegħu. Jinkombi b'dover fuq kull sewwieq li jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi u l-ħin kollu jżomm *'a proper lookout'*. Aktar u aktar imbagħad meta dak li ser jinkontra wara l-liwja jew kantuniera mhux viżibbli għalih."

*Huwa ta' rilevanza wkoll is-sentenzi fl-ismijiet fi **Brian R. Mizzi et noe vs John Ciappara** (P.A. (NC) – 26/03/2003) u **Lloyds (Malta) Limited vs Derin Mangion** (P.A. (GCD) 20/04/2004).*

*Qiegħed jiġi osservat ukoll illi minkejja n-natura tal-ħabta fejn iż-żewġ vetturi ġarrbu ħsara frontali, l-ebda wieħed minnhom ma semma xi* evasive action *li seta' ħa biex jevita l-inċident.*

*Minn dan kollu jsegwi illi r-responsabbilità, għalkemm mhux f'partijiet ugwali, għandha tiġi apporzjonata bejn il-partijiet. Fil-fehma tal-arbitru, Castagna li minkejja li ma żammx il-*proper lookout *meħtieġa meta wasal fil-kantuniera, ċertament ma kienx qiegħed jistenna traffiku ġej mid-direzzjoni tax-xellug tiegħu li ma kienx permess. In kwantu għall-intimat, li anke jekk jiġi konċess lilu li waqaf fil-*giveway sign *(għalkemm din il-verżjoni ma nħasset xejn kredibbli), huwa għażel li jaqta' fid-dritt fi Triq il-Kummerċ minflok isegwi d-direzzjoni li kienet timponi fuqu s-sinjaletika u jgħaddi kontra l-vija tat-traffiku mingħajr ebda kawtela u jaħsad is-sewwieqa li kienu ġejjin minn Triq San Filippu u dan il-ksur tal-liġi huwa wieħed negliġenti għall-aħħar.*

*In kwantu għall-ammont ta' danni sofferti, jingħad li l-eċċezzjoni dwar l-eċċessività tal-ammont mitlub ġiet irtirata (vide seduta datata 29 ta' Ottubru, 2018) u jidher ukoll li r-rikorrenti preżentat irċevuti li jsostnu l-ammont fis-somma ta' sitt elef, u ħamsa u disgħin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€6,095.45).*

*Għaldaqstant, l-arbitru hija tal-fehma illi t-talba rikorrenti għandha tintlaqa' biss* in parte *fil-perċentwal ta' sittin fil-mija (60%) liema perċentwal għandu jkun applikabbli wkoll għall-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali.*

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-esponenti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet rikorrenti* in parte *b'dan illi tiddikjara l-inċident li seħħ nhar il-15 ta' Settembru, 2016 fi Triq il-Kummerċ, f'Birżebbugia bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBX 557 proprjetà tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti Paul Castagna u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBC 719 misjuqa mill-intimat* in parte *b'negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku tal-intimat u għalhekk l-istess intimat għandu jħallas l-ammont ta' tlett elef, sitt mija u sebgħa u ħamsin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€3,657.27) rappreżentanti sittin fil-mija (60%) tal-ammont ta' danni mitlub, kif ukoll sittin fil-mija (60%) tal-ispejjeż legali u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mit-2 ta' Marzu, 2017 sal-pagament effettiv hekk kif mitlub.*

**<u>L-Appell</u>**

11. Is-soċjetà rikorrenti ressqet l-appell tagħha minn dan il-lodo arbitrali fit-23 ta' Diċembru, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... tħassar u tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal tal-Arbitraġġ mogħtija fl-ismijiet fuq premessi fit-12 ta' Diċembru, 2019, u tirriformaha billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti in toto b'dan illi tiddikjara illi l-inċident de quo seħħ unikament b'negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-appellat Joseph Caruana u tikkundannah iħallas l-ammont ta' sitt elef u ħamsa u disgħin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€6,095.45) flimkien mal-ispejjeż legali u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mit-2 ta' Marzu, 2017 sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat."*

12. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata bil-lodo arbitrali appellat għaliex fil-fehma tagħha l-*causa prossima* tal-inċident ma kinitx il-veloċità tal-vettura tal-assigurat tagħha, jew għax dan ma kienx qiegħed iżomm *a proper lookout,* iżda n-nuqqas ta' diliġenza tal-intimat li ħareġ minn

fuq *giveway* mingħajr ma ħares madwaru, u mar dritt fi Triq il-Kummerċ minflok dar fuq ix-xellug tiegħu, kif kellu l-obbligu jagħmel. L-appellanta spjegat li bid-deċiżjoni arbitrali mogħtija, it-Tribunal ikkonkluda li l-assigurat tagħha huwa responsabbli għal 40% tal-inċident, u dan għaliex filwaqt li kkonferma li l-appellat kellu *giveway sign* li tobbligah sabiex tal-anqas jirrallenta u jċedi għat-traffiku li jkun ġej, fil-każ tal-assigurat tagħha dan ma kellu l-ebda sinjaletika li timponilu jagħmel dan. Is-soċjetà appellanta qalet li hija taqbel mal-konsiderazzjoni tat-Tribunal, li wara li eżamina r-ritratti kkonkluda li l-*giveway* kienet angolata lejn ix-xellug u allura l-appellat kellu l-ewwel idur lejn ix-xellug tiegħu u mhux jaqta' dritt fi Triq il-Kummerċ. Qalet li fil-fehma tagħha, li kieku l-appellat saq fid-direzzjoni t-tajba, jiġifieri saq lejn ix-xellug u mhux kompla jsuq dritt, l-impatt ma kienx iseħħ. Żiedet tgħid li għalhekk huwa ċar li r-responsabbilità għall-inċident hija kollha kemm hi tal-appellat, u l-assigurat tagħha ma jaħti bl-ebda mod għall-inċident. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal stess sostna li l-assigurat tagħha la kellu obbligu jistenna permezz ta' *giveway sign* u lanqas kellu obbligu jieqaf. Imma t-Tribunal qal li l-assigurat tagħha kellu l-obbligu tal-*proper lookout,* xi ħaġa li m'għamilx. It-Tribunal ikkonkluda wkoll li Paul Castagna ma kienx għaddej bil-veloċità minima kif huwa stess iddikjara, imma li dan baqa' ħiereġ sew minn tarf il-kantuniera sa ma seħħ l-impatt. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li huwa minnu li l-assigurat tagħha kien diversi metri mill-kantuniera, dan ma jfissirx li huwa kien għaddej b'xi veloċità eċċessiva. Qalet ukoll li dan juri biss li meta l-assigurat tagħha ħareġ mit-triq li kien għaddej minnha, u saq fid-direzzjoni t-tajba, dan sab lill-appellat ma' wiċċu. Qalet li l-verżjoni tal-appellat li huwa waqaf fuq il-*giveway,* mhijiex kredibbli. Qalet li kien l-assigurat tagħha

li ħareġ b'veloċità minima minn triq għal oħra, kif kellu kull dritt jagħmel. Kompliet tgħid li minn imkien ma rriżulta li l-assigurat tagħha kellu xi obbligu li jieqaf fil-kantuniera, tant hu hekk li t-Tribunal stess jgħid li l-assigurat tagħha ma kellu l-ebda sinjaletika mal-art. Qalet li l-appellat mhux suppost li kien fil-pożizzjoni li kien fiha meta seħħ l-impatt, għaliex dan messu dar fuq ix-xellug u mhux kompla ħiereġ għad-dritt, bir-riżultat li invada l-karreġġata ta' Castagna. Qalet ukoll li mhux minnu li Castagna kien negliġenti fis-sewqan tiegħu, u anki f'każ li jiġi stabbilit li dan kien għaddej b'veloċità eċċessiva, fattur dan li ġie miċħud bil-qawwa, f'każijiet bħal dawn irid jiġi stabbilit li l-veloċità eċċessiva kienet l-element determinanti li pprovoka l-inċident. Qalet li f'dan il-każ ġie stabbilit li l-appellat kellu jdur lejn ix-xellug tat-triq, iżda minflok dan iddeċieda li jibqa' jsuq dritt. Qalet li l-inċident seħħ mhux minħabba l-veloċità tal-vettura li kien qiegħed isuq l-assigurat tagħha, jew għaliex dan ma żammx *a proper lookout,* imma għaliex l-appellat baqa' ħiereġ mill-*giveway* bla ma ħares madwaru, kif ukoll baqa' jsuq fil-karreġġata l-ħażina. Qalet li kieku l-appellat kien qiegħed iżomm *proper lookout,* kien jara l-vettura ta' Castagna li kienet diġà ħarġet ferm 'il barra mill-kantuniera, u f'dan il-każ kien is-sewqan tal-appellat u mhux is-sewqan ta' Castagna li kkawża l-inċident. Is-soċjetà appellanta qalet li kien l-appellat li ħoloq ostakolu għall-*flow of traffic* fil-karreġġata ta' Castagna, u kieku l-appellat kien attent, kien jinduna li ġejja vettura u kien jieqaf. Qalet li għalhekk mill-provi miġjuba quddiem it-Tribunal, dan kellu jasal għall-konklużjoni li l-inċident seħħ meta l-appellat ħa riskju skabruż u perikoluż meta ddeċieda illi jsuq dritt minflok ma jikser lejn ix-xellug, kif suppost kellu jagħmel, u barra minn hekk ma aċċertax ruħu li ma kinux ġejjin vetturi oħra u lanqas ma induna bil-preżenza ta' Castagna fit-triq.

## Ir-Risposta tal-Appell

13. Fir-risposta tiegħu l-appellat wieġeb li l-appell tas-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħha. Qal li l-ġurisprudenza kostanti hija fis-sens li l-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkunu saru fi prim istanza, jekk mhux għal raġunijiet validi. Qal li huwa ċar li f'dan il-każ ma tressqet ebda raġuni valida li tista' twassal sabiex il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-fatti kif sar fil-lodo arbitrali appellat. Qal ukoll li minn eżami tal-fatti jirriżulta ċar li l-konklużjonijiet arbitrali kienu ġenerużi ħafna fil-konfront tas-sewwieq tal-vettura assigurata mas-soċjetà appellanta, li fis-sewqan tiegħu bħal donnu ħaseb illi l-post fejn seħħ l-inċident kien xi xorta ta' *roundabout,* għad li fuq il-post ma kien hemm l-ebda sinjaletika f'dan is-sens. L-appellat qal li dan wassal biex Castagna saq b'mod imprudenti għal min kien qiegħed idur *blind-corner* f'intersezzjoni traffikuża.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

14. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, fid-dawl tal-lodo arbitrali appellat, u tal-konsiderazzjonijiet imressqa mill-appellat.

Is-soċjetà appellanta hija tal-fehma li l-lodo arbitrali appellat mhuwiex korrett u qiegħda ssostni li l-assigurat tagħha m'għandu bl-ebda mod jinżamm responsabbli għall-inċident. It-Tribunal ddeċieda li l-assigurat tas-soċjetà appellanta għandu jwieġeb għal erbgħin fil-mija (40%) tar-responsabbilità

għall-akkadut, imma s-soċjetà appellanta ma taqbilx ma' din id-deċiżjoni u għalhekk qiegħda titlob li din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-lodo arbitrali, u tiddikjara li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ unikament b'negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li l-*causa prossima* tal-inċident ma kinitx il-veloċità li kien għaddej biha l-assigurat tagħha, jew il-fatt li dan ma kienx qiegħed iżomm *proper lookout,* imma n-nuqqas ta' diliġenza tal-appellat, li ħareġ minn fuq *giveway sign* mingħajr ma ħares madwaru u mingħajr ma dar momentarjament lejn ix-xellug, u minflok iddeċieda li jaqta' għad-dritt u jibqa' sejjer fid-direzzjoni ta' Triq il-Kummerċ.

15. Il-Qorti qieset il-provi li tressqu quddiem it-Tribunal, partikolarment ir-ritratti li juru l-pożizzjoni tal-vetturi eżatt fil-ħin li seħħ l-inċident. Il-verżjoni mogħtija mill-partijiet fil-kawża hija waħda kunfliġġenti għall-aħħar, u l-partijiet naqsu milli jaqblu bejniethom dwar l-estent tal-impatt, bis-soċjetà appellanta tgħid li l-impatt kien wieħed kbir, u bl-appellat jgħid li l-impatt kien wieħed żgħir. In-natura tad-danni sofferti, ta' iktar minn sitt elef Euro, jindika li l-impatt ma kienx wieħed żgħir u l-ħsara sofferta mill-vettura misjuqa mill-assigurat tas-soċjetà appellanta kienet waħda sostanzjali. L-intimat u l-assikurat tas-soċjetà appellanta jgħidu però li l-ebda wieħed minnhom ma kien ra lill-ieħor qabel seħħ l-impatt. L-assigurat tas-soċjetà appellanta spjega li huwa sab lill-appellat ma' wiċċu hekk kif dar il-kantuniera, u qal li filwaqt li huwa ma setax jivverifika jekk kinux ġejjin vetturi mid-direzzjoni opposta, proprju għaliex fit-triq hemm *blind corner,* huwa ħa l-prekawzjoni li saq b'veloċità baxxa. Skont l-assigurat tas-soċjetà appellanta, l-inċident seħħ

għaliex l-appellat ma waqafx meta wasal fuq il-*giveway sign,* u qata' għad-dritt u injora s-sinjali tat-traffiku. Imma l-appellat min-naħa tiegħu qal li huwa waqaf fuq il-*giveway sign,* u fil-ħin tal-impatt huwa kien laħaq saq għal ftit b'veloċità baxxa ħafna, għaliex sa ftit tal-mumenti qabel kien wieqaf għal kollox.

16. It-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu qies li filwaqt li l-appellat kellu l-obbligu li jieqaf minħabba sinjaletika ċara fit-triq li kienet tobbligah jirrallenta u jċedi għat-traffiku, l-assigurat tas-soċjetà appellanta ma kellu l-ebda obbligu bħal dan. Qies ukoll li mir-ritratti esebiti jidher ċar li l-*giveway sign* kienet angolata lejn ix-xellug u għalhekk l-appellat kellu l-ewwel idur lejn ix-xellug tiegħu u mhux isuq fid-dritt lejn Triq il-Kummerċ. It-Tribunal qies li kienet din il-manuvra tal-appellat li ħasdet lill-assigurat tas-soċjetà appellanta, għaliex dan ma stenniex li jsib ma' wiċċu lill-appellat. It-Tribunal qies ukoll li l-manuvra tal-appellat li jaqta' għad-dritt u ma jdurx lejn ix-xellug, kienet manuvra li biha huwa saq kontra l-*flow* tat-traffiku, u għalhekk din kienet manuvra azzardata u traskurata għall-aħħar. Imma t-Tribunal ikkunsidra wkoll li l-assigurat tas-soċjetà appellanta kien ħiereġ minn *blind corner* u għalhekk kellu l-obbligu li joħroġ bil-mod u b'kawtela sabiex ikun lest li jilqa' għal kull eventwalità. Qieset li f'dan il-każ l-assigurat tas-soċjetà appellanta kellu l-obbligu li jsuq bil-mod u fuq *gear* baxx, idoqq il-ħorn sabiex jindika l-preżenza tiegħu fit-triq, li jirrallenta, u jżomm il-vettura taħt kontroll, filwaqt li jżomm *a proper lookout.* It-Tribunal żied jgħid li huwa dmir ta' kull sewwieq li meta javviċina liwja jirrallenta u b'hekk jaħseb għal kull imprevvist.

17. It-Tribunal għamel osservazzjoni oħra f'waqtha, li mill-provi jirriżulta li ħadd mill-partijiet ma ħa azzjoni evażiva sabiex l-inċident jiġi evitat. Fil-fatt mix-xhieda u mill-provi prodotti ma jirriżultawx marki tal-brejkijiet jew xi forma ta' tentattiv minn xi wieħed mill-partijiet biex dan l-inċident jiġi evitat. Għall-kuntrarju, iż-żewġ sewwieqa involuti fl-inċident, xehdu li ħadd minnhom ma induna bil-preżenza tal-ieħor qabel seħħ l-impatt.

18. Il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Jesmond Bonello *vs* Giulio Baldacchino**[1], fejn il-Qorti qalet hekk:

> "... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku, il-Qorti għandha dejjem tiġġudika a bażi ta' dak li jirriżultalha li kienet il-kawża prossima u immedjata tiegħu u tapplika għalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolament u t-tħaris u l-ksur tagħhom li addebitaw ir-responsabbilità u mhux l-ekwità u l-ġudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li għandhom jiġu riġidament applikati. Dan biex jiġi assigurat l-ordni, fir-rispett tal-istess regolamenti, li wieħed jista' jipprevjeni l-inċident."

19. Il-Qorti hija tal-fehma, wara li qieset dak li kellhom xi jgħidu l-partijiet u dak li rriżulta mill-provi, li l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal fil-lodo arbitrali appellat huma korretti, fis-sens li r-responsabbilità tal-assigurat tas-soċjetà appellanta ma għandhiex titwarrab sempliċiment għaliex dan insista li huwa kien ġej minn liwja fejn kellu l-viżwali ristretta. Huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li aktar ma tkun ristretta l-viżwali fit-triq, akbar mhuwa l-obbligu tas-sewwieq li jassigura li jsuq mingħajr perikolu għat-traffiku li jista' jsib hekk kif joħroġ mil-liwja. Fost il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu

[1] Qorti tal-Appell (Sup. Ċiv.), 15.01.1997

hemm l-obbligu li wieħed idoqq il-ħorn, li jirrallenta fis-sewqan u li javviċina t-triq bil-mod il-mod sabiex jevita li jinħasad b'vettura li tkun ġejja minn faċċata. Madankollu l-mod kif l-appellat ħareġ fit-triq billi qata' għad-dritt minflok dar lejn ix-xellug kif kien obbligat li jagħmel, jibqa' l-fattur ewlieni li kkawża l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Din il-Qorti tqis għalhekk is-sewwieqa inkwistjoni t-tnejn li huma għandhom iwieġbu għall-inċident, għalkemm fi gradi ta' responsabbilità differenti. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-lodo arbitrali appellat għandu jiġi kkonfermat fl-intier tiegħu, u għaldaqstant tqis l-aggravju tas-soċjetà appellata mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali appellat fl-intier tiegħu.**

**Spejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**